**QORTI TAL-MAĠISTRATI (GĦAWDEX)**
**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**Maġistrat Dr. Jean Paul Grech B.A., LL.D**
**M.Juris (Int. Law), Adv. Trib. Eccl. Melit**

**SENTENZA**

Mogħtija illum it-Tlieta, ħdax (11) ta' Ġunju 2024

Kawża Nru 44/2022

**Il-Pulizija**
**(Supretendent Bernard Charles Spiteri)**

**Vs**

**Joseph Buttigieg**

Il-Qorti,

Rat l-akkużi miġjuba kontra **Joseph Buttigieg**, detentur tal-karta tal-identita numru 59055(G) talli nhar is-sbatax (17) ta' Mejju 2022 għall-ħabta tal-għaxra neqsin ħamsa ta' filgħodu (9.55hrs) u/jew fil-ħinijiet ta' qabel, fi Triq it-Tessuti, Xewkija Għawdex u/jew fil-viċinanzi waqt li kien qiegħed isuq vettura bil-mutur tal-għamla Mitsubishi Pajero, bil-pjanċa tar-reġistrazzjoni ABM519:

(1) b'nuqqas ta' ħsieb, bi traskuraġni jew nuqqas ta' ħila fl-arti jew professjoni tiegħu, jew b'nuqqas ta' tħaris ta' regolamenti, involontarjament ikkaġuna l-mewt ta' Bernard Xerri, liema mewt seħħet nhar it-tlieta u għoxrin (23) ta' Mejju 2022 u dan bi ksur tal-artikolu 225(1) tal-Kap. 9;

(2) u aktar talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi saq vettura tal-għamla Mitsubishi Pajero, bil-pjanċa tar-reġistazzjoni ABM519, b'mod traskurat, perikoluż jew bla kont u dan bi ksur tal-artikoli 15(1)(a) tal-Kap. 65;

(3) u aktar talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi b'nuqqas ta' ħsieb, jew bi traskuraġni jew b'nuqqas ta' ħila jew professjoni tiegħu, jew b'nuqqas ta' tħaris ta' regolamenti tat-traffiku involontarjament ikkaġuna ħsara fuq mutur tal-għamla Yamaha, bin-numru tar-reġistrazzjoni BEN458 għad-dannu ta' Bernard Xerri u/jew persuni oħra u dan bi ksur tal-artikolu 328 tal-Kap. 9;

(4) u aktar talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi naqas li jindika u cioe' jixgħel l-indikatur qabel ma' kien ser jidħol fi triq sekondarja u dan ai termini ta' l-artiklu 75 tal-L.S.65.11.

Il-Prosekuzzjoni talbet li l-imputat jiġi skwalifikat milli jieħu jew jkollu liċenzija tas-sewqan għall-perjodu li din l-Onorabbli Qorti jidhirlha li hu xieraq.

Il-Qorti ġiet wkoll ġentilment mitluba sabiex f'każ ta' ħtija tikkundanna lill-akkużat għall-ħlas ta' spejjeż li jkollhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' esperti jew periti fil-proċeduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat id-dokumenti kollha esebiti;

Rat li fis-seduta tat-tmienja u għoxrin (28) ta' Mejju 2024 waqt li kien qed isir l-eżami tal-imputat a tenur tal-artikoli 390(1) u 392 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, l-imputat wieġeb li huwa ħati tal-akkużi kollha miġjuba fil-konfront tiegħu.

Fid-dawl ta' din l-ammissjoni l-Qorti wissietu b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' tali ammissjoni u tatu żmien xieraq sabiex jerġa' jikkunsidra mill-ġdid l-ammissjoni tiegħu;

Semgħet lill-imputat jikkonferma l-ammissjoni tiegħu wara li l-istess imputat reġa' ikkonsulta mal-legali tiegħu u wara li l-Qorti tatu żmien xieraq sabiex jekk irid jerġa' lura mill-ammissjoni tiegħu;

Semgħet lill-Prosekuzzjoni, il-Parte Civile u lid-Difiża jittrattaw fuq il-piena;

Ikkunsidrat;

In vista tal-ammissjoni volontarja u inkondizzjonata tal-imputat, il-Qorti m'għandhiex triq oħra għajr li issib lill-istess imputat ħati tal-akkużi kollha li ġew miġjuba fil-konfront tiegħu.

Għall-fini ta' piena, il-Qorti sejra tikkunsidra l-fatt li l-imputat irreġistra ammissjoni mal-ewwel opportunita li huwa kellu kif wkoll il-fatt li d-danni kaġunati minnu per konsegwenza tas-sinistru stradali ġew imħallsa lill-werrieta tal-vittma. L-imputat saħansitra ħareġ flus minn butu u ħallashom lill-werrieta tal-vittma peress li jidher li l-assikurazzjoni ma ħarġitx l-ammont kollu ta' danni sofferti. In oltre għall-fini ta' piena wkoll, il-Qorti sejra tqis ir-raba' imputazzjoni bħala kompriża u involuta fit-tieni imputazzjoni.

Fl-istess ħin pero l-Qorti ma tistax tinjora l-gravita ta' dan il-każ. Il-Qorti tagħmel riferenza għas-segwenti fatti li jirriżultaw mill-atti:

(a) per konsegwenza ta' dan l-inċident stradali, l-vittma Bernard Xerri spiċċa tilef ħajtu propju minħabba l-*"extensive traumatic brain injury"* li huwa soffra riżultat tal-imsemmi inċident stradali;[1]

[1] Fol. 192 tal-proċess.

(b) l-inċident seħħ fi triq dritta u fil-karreġġajta tal-vittma, liema karreġġjata l-istess vittma kien għaddej minnha korrettament. Dan kif jirriżulta mid-debris indikati mill-Perita Cornelia Tabone f'folio 143 tal-proċess. Jidher li l-imputat ried li jaqsam il-karreġġjata opposta (dik li kienet tiġi fuq il-lemin tiegħu peress li huwa kien fuq il-karreġġjata tax-xellug tiegħu) biex jidħol għal triq sekondarja. Huwa jidher li għamel dan billi qabad u kiser, invada l-karreġġjata opposta u dan mingħajr ma ivverifika jekk setax jagħmel din il-manuvra mingħajr perikolu għalih u għall-ħaddieħor. Tant hu hekk li lanqas biss ma jidher li xegħel l-indicator biex juri li kien sejjer ibiddel id-direzzjoni tiegħu. Li kieku qabel qabad u kiser, waqaf u ivverifika jekk kienx ġej traffiku mid-direzzjoni opposta kif kien obbligat li jagħmel, l-inċident kien jiġi evitat. It-triq hija waħda dritta u ma kien hemm xejn x'jostakola l-viżwali tal-imputat. Li kieku tabilħaq l-imputat kien moħħu hemm fis-sewqan tiegħu u mexa mar-regolamenti tat-traffiku li jindikawlu kif għandu jaqsam minn karreġġjata għall-oħra, ma kellux għalfejn ma jarax lill-vittma ġej bil-mutur tiegħu mill-karreġġjata opposta. Dan kif anke konfermat mill-espert tal-Qorti Mario Buttigieg fir-rapport redatt minnu in konnessjoni ma' dan l-inċident. L-istess espert jikkummenta li:

> *"Mid-dinamika tal-kolliżżjoni jidher b'mod ċar illi l-kolliżżjoni seħħet fuq il-karreġġjata tan-*

*naħa tal-lemin u ċioe fuq il-karreġġjata li kien qed isuq Xerri. Fl-opinjoni tal-esponent ma jistax jifhem kif Buttigieg saq fuq il-karreġġjata l-oħra meta hu ma rax lil Xerri ġej. Kif ingħad aktar 'l fuq kif inhi t-topografija ta' triq hija dritta u ma hemm l-ebda ostakoli għal viżibilita . . . . Illi kif inhi t-topografija ta' triq Joseph Buttigieg faċilment seta' jara lil Xerri ġej u għaldaqstant seta' faċilment evita l-kolliżżjoni iżda min-naħa tiegħu ma kien hemm l-ebda rispons sabiex jibbrejkja jew jibqa' fuq il-karreġġjata tiegħu iżda baqa' sejjer qisu ma kien hemm ħadd quddiemu."*[2]

Mis-suespost għalhekk huwa ċar li kif kien irrimarka Lord Justice-General Emslie fil-każ ***Allan vs Patterson***[3] is-sewqan tal-imputat: *"fell far below the standard of driving expected of the competent and careful driver and that it occurred either in the face of obvious and material dangers which were or should have been observed, appreciated and guarded against, or in circumstances which showed a complete disregard for any potential dangers which result from the way in which the vehicle was being driven."*

---

[2] Fol. 108 – 109 tal-proċess.
[3] 1980 J.C. 57. Ikkwotat fil-ktieb Jones T.H & Christine M.G.A, Criminal Law, It-Tieni Edizzjoni (1996), Pubblikat minn W. Green Sweet & Maxwell, paġna 55.

Huwa ċar għalhekk li kien hemm nuqqas ta’ attenzjoni lampanti da parti tal-imputat huwa u jsuq, nuqqas li bl-ebda mod ma jista’ jiġi klassifikat bħal xi nuqqas żgħir da parti tal-imputat hekk kif ippruvat tagħti x’tifhem id-difiża fis-sottomissjonijiet tagħha dwar il-piena. Il-Qorti ma tistax għalhekk tqis dan in-nuqqas tal-imputat b’mod leġġer u tmur għall-ordni ta’ liberta kundizzjonata. Iċ-ċirkostanzi tal-każ isejħu għall-piena ta’ priġunerija sospiża.

- **<u>Decide:</u>**

Għaldaqstant għal dawn il-motivi l-Qorti wara li rat l-artikoli 17(b), 17(h), 225(1), 328 u 533 tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta’ Malta, l-artikolu 15(1)(a) tal-Kapitolu 65 tal-Liġijiet ta’ Malta u l-artikolu 75 tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 65.11 fuq ammissjoni tiegħu stess qed issib lill-imputat Joseph Buttigieg **<u>ħati tal-akkużi kollha dedotti</u>** fil-konfront tiegħu u qed tikkundannah għall-perijodu ta’ sitt (6) xhur priġunerija, liema perijodu ta’ priġunerija, bl-applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-Kodiċi Kriminali qed jiġi sospiż għal żmien sena mil-lum.

In oltre l-Qorti qiegħda tiskwalifika lill-ħati milli jkollu jew milli jikseb liċenzja tas-sewqan għall-perijodu ta’ tlett (3) xhur mil-lum u dan a tenur tal-artikolu 15(2) tal-Kapitolu 65 tal-Liġijiet ta’ Malta.

Finalment bl-applikazzjoni tal-artikolu 533 tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta’ Malta, il-Qorti tordna lill-ħati sabiex iħallas l-ammont ta’

elfejn seba' mija u sitta u disgħin ewro u erbgħa u erbgħin ċenteżmi (€ 2,796.44) rappreżentanti l-ispejjeż peritali inkorsi[4] f'dawn il-proċeduri u dan fi żmien sitt (6) xhur mil-lum.

Il-Qorti tordna li a tenur tal-artikolu 392A(2) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta l-atti kollha ta' dan il-proċediment kif wkoll is-sentenza mogħtija għandhom jintbagħtu lill-Avukat Ġenerali u dan fi żmien sitt (6) ijiem tax-xogħol.

(ft.) Dr. Jean Paul Grech
Maġistrat

(ft.) Diane Farrugia
Deputat Reġistratur

Vera Kopja

Għar-Reġistratur

4 Dr Edward Basile Cherubino - € 350.80; Dr Mario Buttigieg - € 1,219.18; Perit Cornelia Tabone - € 398.28; PC 1136 Nathan Cini - € 212.32; Dr David Pisani - € 272.52 & € 156.06; Dr Michael Refalo € 139.76; Catrina Farrugia - € 47.52.